MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Avviz Numru. 618/2000/1

**Mary Rose Tabone qabel Stellini**

**vs**

**Silvio Vassallo f'ismu propju u ghan-nom ta' H.Vassallo & Sons u b'digriet tal-21 ta' Novembru tas-sena 2000, Silvio Vassallo f'isem Jewellery Kingdom Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-attur nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma komplessiva ta’ tlett mija, disgha u hamsin Lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (LM359.55,0), kwantu ghall-ammont ta’ tlett mija u hdax-il Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (LM311.67,0) paga ghall-hames gimghat u erbat ijiem ghall-perjodu bejn il-31 ta’ Awissu ta’ l-1998 u l-5 ta’ Ottubru ta’ l-1998, kwantu ghal hdax-il Lira Maltin u tlettax-il centezmu (LM11.13,0) parti mill-bonus dovut f’Dicembru ta’ l-1998, kwantu ghal tnax-il Lira Maltin (LM12.00,0) ghall-Allowance dovut f’Marzu, u kwantu ghal erbgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (LM24.75,0) dovut ghall-vacation leave;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta’ Frar ta’ l-1999 u dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Novembru ta’ l-1999, u ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-25 ta’ Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut nomine eccepixxa s-segwenti:**

**1. In linea preliminari, huwa m’huwiex il-legittimu kontradittur;**

**2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2147 (c) u/jew 2148 (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**3. Fit-tielet lok, l-ebda ammont mhu dovut, stante illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;**

**Rat il-verbal datat il-21 ta’ Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu awtorizzat il-korrezzjoni mitluba;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista ta’ l-istess korrezzjoni l-ewwel eccezzjoni preliminari hi ghalhekk regolarment sorvolata;**

**Ikkunsidrat:**

**Rat id-decizjoni taghha datata d-19 ta’ Dicembru tas-sena 2001 li permezz taghha gie dekretat li l-azzjoni odjerna m’hix preskritta u ghalhekk ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza;**

**Ikkunsidrat:**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta’ “Jewellery Kingdom Company Limited” kienet impjegat lill-attrici, (ara fol 14);**

**2. Illi l-impjieg ta’ l-attrici beda fil-31 ta’ Awissu ta’ l-1998, (ara fol 14), u gie terminat fil-5 t’Ottubru ta’ l-istess sena, (ara fol 45);**

**3. Illi l-impjieg de quo kien ibbazat fuq ftehim verbali, (ara fol 14);**

**4. Illi s-socjeta’ li mpjegat lill-attrici ma kienitx sodisfatta bis-servizzi moghtija mill-istess attrici;**

**5. Illi tul il-perjodu ta’ l-ingagg taghha fuq indikat l-attrici qatt ma giet remunerata;**

**6. Illi l-ammont mitlub fl-avviz odjern hu limitat ghall-perjodu fuq indikat u nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas dan qatt ma gie saldat u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-ammont mitlub hu wiehed ibbazat fuq il-“minimum wage”;**

**Illi l-konvenut nomine jibbaza r-rifjut tieghu fuq karenzi li hu jsostni li huma gravi fil-konfront ta’ l-attrici;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi r-rifjut tal-pagament tal-konvenut nomine mhux rimedju rikonoxxut ghall-lanjanza tieghu;**

**Illi jibqa’ l-fatt regolarment accettat anke mill-konvenut kif fuq indikat li l-attrici, tajjeb u hazin kienet impjegata a bazi ta’ kuntratt verbali mas-socjeta’ rapprezentata mill-konvenut nomine;**

**Illi jirrizulta abbundantement assodat li l-attrici ma thallset xejn ghall-perjodu in dizamina;**

**Illi jirrizulta wkoll assodat li l-ammont mitlub mill-attrici hu effettivament lilha dovut stante li gie debitament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine fil-meritu, takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Silvio Vassallo f’ismu propjru u ghan-nom tas-socjeta’ “Jewellery Kingdom Company Limited” biex ihallas l-ammont ta’ tlett mija u disgha u hamsin**

**Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM359.55,0), lill-attrici MaryRose Tabone, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------